**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 9 ta' Frar 2001**

**Numru 2**
**Citaz. Nru. 189/94 FD**

**Marisa Pisani**
**Vs**
**Anthony Mizzi**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi fl-24 ta' Lulju 1987 il-partijiet ippartecipaw f'cerimonja taz-zwieg bejniethom (Dok. A);

Premess illi dak iz-zwieg huwa null stante li l-konvenut mhux kapaci jassumi l-obbligi ta' hajja familjari;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara iz-zwieg registrat bin-numru 1171 tas-27 ta' Lulju 1987, bhala null ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi ma kienx minnu illi huwa ma kienx kapaci jassumi l-obbligi tal-hajja familjari kif premess fic-citazzjoni;

2. Illi jaqbel illi z-zwieg tieghu ma' l-attrici kien null imma mhux ghar-raguni migjuba minnha imma minhabba ragunijiet ohra imputabbli lill-istess attrici;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut fejn wara illi ppremetta:-

Illi huma zzewgu fl-24 ta' Lulju 1987;

Illi dan iz-zwieg kien null minhabba li l-kunsens ta' l-attrici kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, u/jew b'anomalija psikologika serja li minhabba fiha ma kienx possibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjoni essenzjali taz-zwieg, u ghal ragunijiet ohra attribwibbli u bi htija ta' l-istess Marisa Pisani previsti fl-Artikolu 19(1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Huwa talab lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fl-24 ta' Lulju 1987 kien null u bla effett minhabba li l-kunsens ta' l-attrici Marisa Pisani kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, u/jew b'anomalija psikologika serja li minhabba fiha ma kienx possibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u ghar-ragunijiet ohra imputabbli unikament lill-attrici Marisa Pisani previsti fl-Artikolu 19(1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra l-attrici;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut, akkompanjanti l-imsemmija kontro-talba u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attrici ghall-imsemmija kontro-talba tal-konvenut u fejn fiha hija eccepiet:-

Illi z-zwieg kien null ghar-ragunijiet indikati fic-citazzjoni imputabbli lill-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-Digriet taghha tal-15 ta' Frar 1995, illi permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dr. Mark Chetcuti bhala espert legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-Digriet taghha tat-8 ta' Ottubru 1997, fejn gie nominat ukoll bl-istess fakoltajiet lill-espert psikjatra Dr George Debono, liema digriet gie revokat fis-6 ta' Mejju 1998 u l-imsemmi espert psikjatra gie sostitwit bit-tabib Dr. David Cassar, li in segwitu fit-12 ta' Marzu 1999 gie wkoll sostitwit b'digriet iehor b'Dr. Victor Shields;

Rat ir-Relazzjoni ta' l-imsemmi espert psikjatra li tinsab a fol 89 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-Udjenza tat-3 ta' Novembru 1999;

Rat ir-Relazzjoni ta' l-imsemmi espert legali Dr. Mark Chetcuti li tinsab a fol 97 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-Udjenza fid-19 ta' Jannar tas-sena 2000;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attrici pprezentat din ic-citazzjoni biex il-Qorti tiddikjara null u bla effett iz-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fl-24 ta' Lulju 1987; dana sar wara sitt snin u nofs ta' zwieg u t-talba attrici kienet ibbazata fuq il-premessa li l-konvenut ma kienx kapaci jassumi l-obbligi tal-hajja familjari;

Illi l-konvenut minn naha tieghu jichad din l-allegazzjoni ta' martu izda jaqbel li z-zwieg kien null pero` huwa jissottometti illi din in-nullita ma kienetx dovuta ghan-nuqqasijiet imputabbli lilu imma ghal kuntrarju ghar-ragunijiet imputabbli lill-istess attrici; u infatti pprezenta wkoll kontro-talba f'dan is-sens;

Illi l-attrici tat stampa ferm imzewqa biex tipprova tpingi lill-konvenut bhala bniedem li kien nieqes mill-kapacitajiet necessarji ghaz-zwieg u li anki kien precedentement taht kura psikjatrika. Il-konvenut ibbaza t-tezi tieghu fuq

l-allegazzjoni illi martu ma gharfitx tinfatam minn ma' ommha u taccetta li tghix il-hajja ta' mara mizzewga;

Illi l-attrici fid-dikjarazzjonijiet estensivi taghha tat storja tassew elaborata, ghalkemm evedentement esagerata, ta' nuqqasijiet tal-konvenut, li pero`, fl-esposizzjoni tieghu rnexxielu jispjega prattikament l-episodji kollha lamentati mill-attrici u anki jispjega l-attegjament tieghu lejn il-problema familjari;

Illi f'sitwazzjonijiet simili fejn il-partijiet jaghtu verzjonijiet ghal kollox konfligenti u ma jkunx hemm provi esterni li fuqhom il-Qorti tista' tibni, certament ikompli jizdied il-valur li l-Qorti ghandha taghti lill-opinjoni ta' esperti fil-materja, anke peress li l-konkluzjoni f'kawza ta' annullament ma tistax tkun ibbazata fuq fatti u ghemejjel li sehhew wara z-zwieg; dawn ovvjament huma ta' importanza kbira, imma ghandhom iservu biss biex iwaddbu dawl, kultant anke dawl qawwi, fuq l-istat mentali jew psikologiku tal-koppji proprju fil-mument taz-zwieg;

Illi l-kontendenti gew ezaminati bir-reqqa u skond kriterji identifikati mill-espert psikjatriku nominat mill-Qorti; huwa jikkwota lill-attrici: *"il-kunsens tieghi kien att volontarju, fhimt il-pass li kont se naghmel u dhalt fiz-zwieg in bona fede"*. Waqt li l-konvenut jghid *"kollox ghamilna kif ghandu jkun, anke ghamilna l-engagement. Kienet kuntenta hi u kont kuntent jien"*; l-espert psikjatriku ikkonkluda li z-zewg partijiet kienu

f'posizzjoni li jikkonfermaw dan is-sodisfazzjon taghhom permezz tal-kunsens minnhom moghti waqt iz-zwieg; l-istess espert ikkonkluda li ebda parti ma batiet jew kienet tbati minn xi anomalija psikologika li setghet timpedihom milli jassumu ir-responsabiltajiet mehtiega ghaz-zwieg. Huwa kkonkluda *"fl-opinjoni tieghi it-tnejn li huma kellhom idea cara tan-natura taz-zwieg li dahlu ghalih, li kien jitlob minnhom fedelta`, permanenza u ghazla hielsa"*;

Illi dwar it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut, mir-rizultanzi processwali jidher ukoll illi huwa naqas li jressaq provi sufficjenti biex jiggustifikaw illi t-talba tieghu ghandha tigi milqugha skond l-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255;

Illi l-Qorti tirrileva wkoll illi anke ic-cirkostanzi elenkati u spjegati fix-xhieda li inghatat, jikkonfermaw u huma prova cara ta' din il-konkluzjoni peritali ghalkemm ma hemmx dubju li z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment. Mhux kompitu ta' din il-Qorti f'kawza ghall-annullament taz-zwieg li twizen il-htijiet taz-zewg kontendenti dwar kif ikkontribwew ghat-tkissir taz-zwieg li beda tant tajjeb fejn ghall-ewwel, iz-zewg partijiet sahansitra hadmu biex jibnu dar ghal rashom separati mill-familjari; sfortunatament ghalihom ma inghatawx il-possibilita` li jesperementaw ir-reazzjoni taghhom ghal hajja mizzewga f'din id-dar gdida 'il boghod mill-influenza tal-familjari;

Illi t-talba u l-kontro-talba jallegaw reciprokament nuqqas ta' maturita` u diskrezzjoni kif mitluba mil-ligi, u l-Qorti ma tara li ebda parti ma rnexxielha b'xi mod tipprova jew tiggustifika l-premessi mehtiega ghal talba simili.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tichad it-talba attrici kif dedotta fic-citazzjoni; u

Tichad ukoll il-kontro-talba tal-konvenut.

L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur